BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

27 ta` Diċembru 2013

**ĦARĠA NRU 8/2013**

**AWWISSU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Awwissu 2013.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

F'Awwissu, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€142.4 miljun, jew b'1.6% (ara Tabella 1). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 6.0% minn 4.7% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Iż-żieda fid-depożiti seħħet l-iktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight*. Ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti kompliet taċċellera minn 9.6% f'Lulju għal 11.4% f'Awwissu. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€117.6 miljun, jew bi 2.2%, fuq ix-xahar ta' qabel, l-aktar minħabba bilanċi ogħla tal-individwi u tal-kumpaniji mhux finanzjarji.

Id-depożiti li jintrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu b'€25.6 miljun, jew b'0.7%, fuq ix-xahar ta' qabel, l-aktar minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet. Madankollu, dawn id-depożiti komplew jonqsu fuq bażi annwali, iżda b'pass inqas mgħaġġel, bir-rata tagħhom ta' varjazzjoni titla' għal -0.3% minn -0.9% f'Lulju. Fl-istess ħin, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu b'€0.8 miljun, jew b'0.7%, hekk kif naqsu l-bilanċi tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Awwissu, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti ta' Malta żdied b'€116.3 miljun, jew b'1.0%, wara żieda fil-kreditu kemm lill-gvern ġenerali u lil residenti oħra. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu saret waħda pożittiva u laħqet 0.5% minn -0.4% f'Lulju (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied bi €92.8 miljun, jew bi 3.7%, wara żieda fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek li pattiet għal tnaqqis fil-portafolji tagħhom ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir tal-kreditu lill-gvern ġenerali telgħet għal 2.2% minn -0.6% x-xahar ta' qabel.

Sadattant, il-kreditu lil setturi residenti barra l-gvern ġenerali, li jikkonsisti prinċipalment minn entitajiet tas-settur privat, żdied bi €23.5 miljun, jew b'0.3%, wara tnaqqis f'erba' xhur konsekuttivi. Iż-żieda fil-kreditu seħħet l-iktar minħabba żieda

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

fis-self mogħti lil kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u lill-individwi għax-xiri tad-djar. Flimkien dawn pattew għal tnaqqis ta' €14.6 miljun, jew ta' 0.4% kull xahar, fi kreditu lil kumpaniji privati mhux finanzjarji. Dan seħħ primarjament minħabba tnaqqis fis-self lil kumpaniji mhux finanzjarji li joperaw fis-settur tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel, li patta għal żieda fis-self lil kumpaniji mhux finanzjarji li joperaw fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Imqabbel ma' sena qabel, il-kreditu totali mogħti lil setturi residenti barra l-gvern ġenerali baqa' l-istess f'Awwissu, wara tnaqqis ta' 0.3% f'Lulju.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM residenti f'Malta naqsu bi €92.0 miljun, jew b'0.8%, hekk kif żieda sostanzjali fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin (ara Tabella 1).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin irriflettiet żieda fid-depożiti barranin miżmuma ma' banek residenti. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin irriflettiet b'mod predominanti tkabbir fil-bilanċi tad-depożiti ta' banek residenti miżmuma barra minn Malta. Ċaqliq kbir fl-assi u fl-obbligazzjonijiet barranin ta' spiss jirrifletti transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta. L-assi barranin netti naqsu aktar f'salt fuq bażi annwali b'5.2% fis-sena sa Awwissu, għall-kuntrarju ta' tnaqqis ta' 4.1% fit-tnax-il xahar sa Lulju.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Awwissu, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM residenti fuq id-depożiti kollha miżmuma minn individwi Maltin u kumpaniji mhux finanzjarji niżlet b'punt bażi għal 1.41%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta baqgħet l-istess, jiġifieri 4.30%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti baqgħet l-istess meta mqabbla ma' sena qabel, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet tliet punti bażi inqas.

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€175.5 miljun, jew b'1.6%, f'Awwissu għal €11.0 biljun (ara Tabella 2). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 8.9% minn 7.0% x-xahar ta' qabel.

Żviluppi fl-M3 primarjament seħħew minn żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2). L-M2 żdied b'€163.8 miljun, jew b'1.5%, fuq ix-xahar ta' qabel, filwaqt li r-rata tat-tkabbir annwali tiegħu għoliet għal 8.9% minn 7.1% f'Lulju.

L-aggregat monetarju ristrett (M1), li jagħmel parti mill-M2, żdied b'€134.2 miljun, jew bi 2.1%, matul ix-xahar minħabba żidiet fid-depożiti *overnight* u fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€130.1 miljun, jew bi 2.3%, l-aktar minħabba bilanċi

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.



**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

ogħla ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u ta' individwi. Fl-istess waqt, il-flus maħruġa żdiedu b'€4.1 miljun, jew b'0.5%. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 telgħet għal 10.5% f'Awwissu minn 8.6% x-xahar ta' qabel.

Id-depożiti li jintrabtu għal sentejn jew inqas, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, żdiedu bi €30.3 miljun, jew b'0.7%, wara żieda fl-ammonti miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet. Min-naħa l-oħra, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent monetarju intermedju (M2), naqsu b'€0.8 miljun, jew b'0.7%.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'€85.6 miljun, jew b'0.6% f'Awwissu. It-tnaqqis seħħ kompletament minħabba tnaqqis fil-kreditu mogħti lil residenti ta' pajjiżi taż-żona tal-euro barra Malta. Minħabba f'hekk, il-kreditu f'Awwissu naqas b'pass aktar mgħaġġel, b'7.1% fuq bażi ta' sena fuq sena, wara tnaqqis ta' 6.1% f'Lulju.

Sadattant, il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied bi €62.0 miljun, jew b'1.6%, minħabba żieda fil-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali ta' Malta. Min-naħa l-oħra, il-kreditu lil setturi oħra naqas b'€147.6 miljun, jew b'1.3%, wara tnaqqis sostanzjali fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Is-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro naqas ukoll matul ix-xahar.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'€424.7 miljun, jew bi 3.9%. Dan irrifletta żieda sinifikanti fid-depożiti miżmuma mal-IFM. L-obbligazzjonijiet barranin lejn l-IFM żdiedu wkoll, għalkemm b'rata inqas mgħaġġla, minħabba aktar depożiti tal-IFM miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro, flimkien ma' żieda fl-ammonti miżmuma ta' titoli maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kontroparti esterna battiet għal 4.1% minn 12.8% f'Lulju.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset b'€685.8 miljun, jew b'4.6%, matul ix-xahar wara tnaqqis f'obbligazzjonijiet oħra tal-IFM (netti). Dan it-tnaqqis irrifletta l-aktar it-transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u banek residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Bl-istess mod, l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal tal-IFM naqsu b'€218.7 miljun, jew b'1.9%, minħabba tnaqqis fil-valur ta' riżervi li rriżulta minn tibdiliet fil-valutazzjonijiet tas-suq. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ċentrali żdiedu b'€146.7 miljun, jew b'26.7%, minħabba żieda fid-depożiti tal-gvern li pattiet għat-tnaqqis tax-xahar ta' qabel.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Aww-13 | Lul-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Aww-13 | Lul-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,249.2** | **9,106.8** | **142.4** | **1.6** | **8,724.6** | **6.0** | **4.7** |
| Depożiti *overnight* | 5,474.8 | 5,357.2 | 117.6 | 2.2 | 4,913.4 | 11.4 | 9.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 111.7 | 112.4 | -0.8 | -0.7 | 138.5 | -19.4 | -20.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,662.8 | 3,637.2 | 25.6 | 0.7 | 3,672.7 | -0.3 | -0.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,236.3** | **11,120.0** | **116.3** | **1.0** | **11,182.4** | **0.5** | **-0.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,579.6 | 2,486.8 | 92.8 | 3.7 | 2,523.2 | 2.2 | -0.6 |
| Self lil setturi oħra | 8,656.7 | 8,633.2 | 23.5 | 0.3 | 8,659.2 | 0.0 | -0.3 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,379.2** | **11,471.2** | **-92.0** | **-0.8** | **12,006.2** | **-5.2** | **-4.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 45,793.0 | 44,690.3 | 1,102.7 | 2.5 | 44,226.0 | 3.5 | -1.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 34,413.9 | 33,219.0 | 1,194.9 | 3.6 | 32,219.8 | 6.8 | -0.9 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Aww-13 | Lul-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Aww-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Aww-13 | Lul-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,423.9** | **6,289.7** | **134.2** | **2.1** | **5,813.1** | **10.5** | **8.6** |
| Flus maħruġa[(4)] | 755.5 | 751.4 | 4.1 | 0.5 | 719.7 | 5.0 | 3.8 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 5,668.4 | 5,538.3 | 130.1 | 2.3 | 5,093.4 | 11.3 | 9.3 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,802.4** | **10,638.7** | **163.8** | **1.5** | **9,921.7** | **8.9** | **7.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,423.9 | 6,289.7 | 134.2 | 2.1 | 5,813.1 | 10.5 | 8.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 111.7 | 112.5 | -0.8 | -0.7 | 140.6 | -20.6 | -21.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,266.8 | 4,236.5 | 30.3 | 0.7 | 3,968.0 | 7.5 | 6.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **11,029.4** | **10,854.0** | **175.5** | **1.6** | **10,124.4** | **8.9** | **7.0** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,802.4 | 10,638.7 | 163.8 | 1.5 | 9,921.7 | 8.9 | 7.1 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 227.0 | 215.3 | 11.7 | 5.4 | 202.7 | 12.0 | 1.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,873.8** | **14,959.5** | **-85.6** | **-0.6** | **16,005.5** | **-7.1** | **-6.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,020.8 | 3,958.8 | 62.0 | 1.6 | 3,915.1 | 2.7 | 1.3 |
| Self lil setturi oħra | 10,853.0 | 11,000.6 | -147.6 | -1.3 | 12,090.4 | -10.2 | -8.5 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,489.9** | **10,914.6** | **-424.7** | **-3.9** | **10,080.4** | **4.1** | **12.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 35,409.3 | 34,673.7 | 735.6 | 2.1 | 33,866.2 | 4.6 | 0.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 24,919.4 | 23,759.0 | 1,160.4 | 4.9 | 23,785.7 | 4.8 | -5.0 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,334.2** | **15,020.0** | **-685.8** | **-4.6** | **15,961.5** | **-10.2** | **-2.9** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 696.4 | 549.6 | 146.7 | 26.7 | 805.6 | -13.6 | -23.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,562.4 | 11,781.2 | -218.7 | -1.9 | 12,543.4 | -7.8 | -5.9 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,075.4 | 2,689.2 | -613.8 | -22.8 | 2,612.6 | -20.6 | 20.8 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.